DI MALTA TAJJEB LI TKUN TAF

Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

OTTUBRU, 1960. Nru. 14/60.

# GĦAWDEX FI ŻMIEN IR-RUMANI

HIJA ħaġa ċerta illi taħt il-ħakma tar-Rumani l-gżira ċkejkna ta' Għawdex kienet repubblika. Dan ifisser illi Għawdex, bħal kull belt oħra, kellu l-gvern tiegħu taħt għamla ta' repubblika magħmula minn kavalieri, dekurjuni, qassisin u trijumviri. Skond Capitone, Għawdex kellu wkoll il-muniċipju li kien imqassam f'nies għolja jew patrizi u nies baxxi jew plebej. Li Għawdex kien repubblika nafuh minn żewġ affarijiet: minn skrizzjonijiet imnaqqxa fuq l-irħam u mill-munita li kellu Għawdex dak iż-żmien.

Nibdew biex ngħidu xi ħaġa dwar l-iskrizzjonijiet. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-iskrizzjonijiet kienu jitnaqqxu biex jagħtu ġieħ lil xi dekurjuni li kellhom taħt idejhom il-gvern tal-gżira. Huma kienu speċi ta' ġurati jew senaturi. Kienu jissejħu dekurjuni għaliex huma kienu jagħtu waħda mill-għaxra tal-ġid tagħhom għall-bżonnijiet tal-poplu. Minħabba f'hekk huma kienu jissejħu 'missirijiet tal-pajjiż', 'Kurjali tal-Qorti', 'sidien tar-repubblika'. Milli jidher id-dekurjuni Rumani f'Għawdex kienu jġibu ruħhom tajjeb ħafna mal-poplu u minħabba f'hekk il-poplu kien inaqqax f'ġieħhom dawn l-iskrizzjonijiet. Fi żmien De Soldanis, fuq pilastru li kien jinsab fil-bidu tat-taraġ tal-Gran Kastell, kien hemm din l-iskrizzjoni li tixhed ċar u tond li Għawdex, taħt ir-Rumani, kien repubblika. L-iskrizzjoni tgħid hekk:

D.N.C. AVR. ......

(Domino nostro Constantino Aurelio)

CONSTANTO AUG.

(Augusto)

R. P. GAUL. CVUR.

(Rempublicam gaulitanam curante)

F. POLLIONE. ......RUFO.
M. F. N. ......IIVIR. R. C.

(Marci filio nono triumviro rempubl. constituendae)

Dan mhux biżżejjed. Fuq l-istess pilastru li fuqu, milli jidher, kienet wieqfa l-istatwa ta' l-Imperatriċi Ġulja, kienet tidher skrizzjoni oħra li fiha kienet tinqara l-kelma "muniċipju". Taħt il-vara ta' Ġulja, imbagħad, kienet tidher kitba oħra li fiha kienet tinqara wkoll il-kelma "muniċipju". Il-kelma "muniċipju" tfisser illi Għawdex, l-istess bħal Ruma, kien iggvernat mir-repubblika tiegħu u l-gvern tagħha. Dan il-gvern kien magħmul mill-qassisin, mid-dittatur, mid-duumviri, ċensuri, kwesturi u flamini. Barra dawk kien hemm ukoll id-dekurjuni, il-kavalieri u l-poplu.



De Soldanis jirreġistra diversi minn dawn l-iskrizzjonijiet. Waħda minnhom kienet fil-post fejn ġie mibni l-kunvent tal-Kapuċċini u li wara tqiegħdet fuq il-bieb tal-kunvent. L-istoriku Għawdxi jgħid illi Abela, Ciantar, Attardi u oħrajn isemmu wkoll din l-iskrizzjoni. Fis-sena 1738 il-Konti Ciantar ippubblika skrizzjoni oħra miġjuba minn fuq irħama li dari kienet f'waħda mill-kantunieri tal-knisja ta' San Ġorġ, ħdejn il-vara ta' Ġulja. Waħda minn dawn l-iskrizzjonijiet għadha teżisti u tinsab ingastata ġol-ħajt taħt il-mina l-qadima inti u dieħel fil-Gran Kastell.

It-tieni prova li toffri l-istorja li Għawdex kien repubblika taħt ir-Rumani hija l-munita li kellu Għawdex dak iż-żmien u li fiha kien jistampa l-kelma Għawdex imdawra b'ħafna simboli skond il-gvern li kellu. De Soldanis kien sab ħafna minn dawn il-flus żgħar. Fis-sena 1746 huwa bagħat xi ftit minn dawn il-flus lil Konti Ciantar f'Pariġi sabiex jiflihom sewwa. Il-Konti Ciantar li kien imsieħeb fl-Akkademja ta' Pariġi ta' l-Iskrizzjonijiet minħabba l-kapaċità tiegħu, fl-1 ta' Marzu 1746 kiteb lil De Soldanis biex jagħtih tagħrif dwar dawn il-muniti. Il-Konti Ciantar jistqarr li dawn huma tabilħaqq flus ta' Għawdex li fuq il-munita huwa miktub b'karattri Griegi. Skond Ciantar, ir-ras bin-nofs qamar taħtha li tidher f'din il-biċċa flus hija xi waħda mill-imperatriċi antiki li r-Rumani, l-istess bħall-Griegi, kienu jsejħulha Diana u jqimuha bħala alla.

Fuq id-dahar ta' din il-biċċa flus kien jidher wieħed qiegħed iwaddab b'idu l-le-

minija lanza u f'idu x-xellugija kellu tarka
ta' għamla etruska. Fejn saqajn ir-raġel
kienet tidher rota li kien ukoll sinjal użat
minn xi bliet Etruski u tinsab ukoll fuq il-
flus tagħhom biex turi l-industirja tal-fuħ-
ħar li kien jinħadem hemm. Fuq in-naħa
ta' wara, il-munita kellha xbieha ta' prinċi-
pessa li Ciantar jaħseb li kienet l-istess prin-
ċipessa Pallade, meqjuma mill-Għawdxin.
Ciantar kellu wkoll fil-mużew tiegħu minn
dawk il-flus li, tlieta minnhom, kienu wisq
iktar ċari minn dawn li bagħatlu De Solda-
nis. Għalhekk Ciantar bagħat lil De Solda-

nis disinn ta' waħda minnhom maħdum mill-pittur pariġin Favray.

Dawn il-provi flimkien ma jħallu l-ebda dubju illi Għawdex kien tabilħaqq repubblika fi żmien ir-Rumani. Kien ħsieb sabiħ ħafna tad-Dipartiment tal-Mużew illi radd dawn l-iskrizzjonijiet lill-gżira ta' Għawdex u li bħalissa jinsabu merfugħa b'għożża kbira fil-Mużew Nazzjonali Għawdxi tal-Gran Kastell. Dawn l-iskrizzjonijiet bla dubju ta' xejn, jitfgħu dawl kbir fuq waħda mill-epoki l-aktar importanti u glorjużi fl-istorja tal-gżira tat-Tliet Għoljiet.

O.H.M.S.

VALLETTA 5 30PM 14 NOV 1960 MALTA

POST EARLY FOR CHRISTMAS